Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-23 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Graziella Buhagiar Muscat)**

**Versus**

**Victor Caruana**
**(412467M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' Victor Caruana ta' 52 sena, iben Francis u Rita nee' Dimech imwieled il-Pieta' nhar id-29 ta' Settembru 1967 u residenti ġewwa 19, Dewdrops, Triq F. Assenza, Swieqi u detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 412467M.

Billi huwa gie akkuzat talli nhar il-11 ta' Dicembru 2019 u fil-jiem u xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer;

Sabiex tikseb xi vantaġġ jew beneficcju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz.

Aktar talli ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Aktar talli ghamilt falsifikazzjoni waqt li kont ufficjal jew impjegat pubbliku, cioe membru tal-Korp tal-Pulizija.

Aktar talli bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku, cioe membru tal-Korp tal-Pulizija wettaqt reat waqt li kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek kellek id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet bil-Malti bil-gurament lil Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Graziella Buhagiar Muscat tixhed fejn pprezentat dokumenti mmakarkati GBM1, GBM2 u GBM3.

Rat illi fis-seduta ta' nhar id-09 ta' Lulju 2020, l-imptutat irregistra ammissjoni.

Semghat it-trattazzjoni fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat l-piena m'ghandix tkun piena karcerarja effettiva.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 141, 188, 189 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' **l-imputazzjonijiet kollha** migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' **sena (1) prigunerija**, li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Inoltre` il-Qorti, wara li rat l-artikolu 190 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat